32000R1437



# IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1437/2000
## tat-30 ta' Ġunju 2000
## li jemenda Taqsima Ċ ta' l-Anness VI għal Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2092/91 dwar il-produzzjoni organika ta' prodotti agrikoli u l-indikazzjonijiet li jirreferu għalihom fil-prodotti agrikoli u fl-oġġetti ta' l-ikel

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunita Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2092/91 tal-25 ta' Ġunju 1991 dwar il-produzzjoni organika ta' prodotti agrikoli u l-indikazzjonijiet li jirreferu għalihom fil-prodotti agrikoli u fl-oġġetti ta' l-ikel [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1073/2000 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 5(8) u 13 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 207/93 tad-29 ta' Jannar 1993 li jfisser il-kontenut ta' l-Anness VI għar-Regolament (KEE) Nru 2092/91 dwar il-produzzjoni organika ta' prodotti agrikoli u l-indikazzjonijiet li jirreferu għalihom fil-prodotti agrikoli u fl-oġġetti ta' l-ikel u li jiddetta regoli dettaljati sabiex ikunu implimentati d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 5(4) tiegħu [3], kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 345/97 [4], u b'mod partikolari l-Artikolu 3(5) tiegħu,

Filwaqt li:

(1) l-Artikolu 5(4) tar-Regolament (KEE) Nru 2092/91 jipprovdi li l-ingredjenti ta' oriġini agrikola jistgħu jkunu nklużi f'Taqsima Ċ ta' l-Anness VI biss fejn ikun intwera li tali ingredjenti huma ta' oriġini agrikola u ma jkunux prodotti fi kwantita suffiċjenti fil-Komunità bi qbil mar-regoli dettati fl-Artikolu 6, jew ma jistgħux ikunu importati minn pajjiżi terzi bi qbil mar-regoli dettati fl-Artikolu 11.

(2) Ċerti Stati Membri nnotifikaw lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi qbil mal-proċedura dettata fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KEE) Nru 207/93, l-awtorizazzjonijiet li ngħataw għal użu ta' ċerti ingredjenti ta' oriġini agrikola mhux inklużi bħalissa f'Taqsima Ċ ta' l-Anness VI għar-Regolament (KEE) Nru 2092/91. Deher li noċimuskata, ċerti ħwawar tal-bżar u taħlitiet minnhom, fjuri tal-għosfor, taħlitiet ta' ċerti kultivazzjonijiet li jittieklu li fihom kwalitajiet li jagħtu kulur u togħma, karwiżit iffumigat, u *kirsch* fil-preżent m'humiex disponibbli minn produzzjoni organika. Għalhekk dawn il-prodotti għandhom ikunu inklużi f'Taqsima Ċ ta' l-Anness VI għal dak ir-Regolament.

(3) Hemm bżonn li, għall-miżuri meħudha b'urġenza, dwar ċerti prodotti, jkollhom il-possibilita li l-awtorizazzjonijiet jiżdiedu għal livell nazzjonali bi qbil ma' l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KEE) Nru 207/93 skadiet.

(4) Għal raġunijiet ta' ċarezza huwa xieraq li jkun stabbilit mill-ġdid it-test kollu ta' Taqsima Ċ ta' l-Anness VI.

(5) Il-miżuri li għalihom hemm provdut f'dan ir-Regolament huma bi qbil mal-opinjoni tal-Kumitat li għalih hemm referenza fl-Artikolu 14 tar-Regolament (KEE) Nru 2092/91,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

It-taqsima Ċ ta' l-Anness VI għar-Regolament (KEE) Nru 2092/91 hu minn issa mibdul bl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seba' ġurnata ta' wara dik tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 30 ta' Ġunju 2000.

*Għall-Kummissjoni*

Franz FISCHLER

*Membru tal-Kummissjoni*

---

[1] ĠU L 198, tat-22.7.1991, p. 1.
[2] ĠU L 119, ta' l-20.5.2000, p. 27.
[3] ĠU L 25, tat-2.2.1993, p. 5.
[4] ĠU L 58, tas-27.2.1997, p. 38.

*L-ANNESS*

"TAQSIMA Ċ - INGREDJENTI TA' ORIĠINI AGRIKOLA LI MA ĠEWX PRODOTTI B'MOD ORGANIKU, LI GĦALIHOM HEMM REFERENZA F'L-ARTIKOLU 5(4) TAR-REGOLAMENT (KEE) Nru 2092/91

Ċ.1. Prodotti ta' ħaxix mhux ipproċessat kif ukoll prodotti li ġejjin minnhom b'proċessi li għalihom hemm referenza taħt definizzjoni 2(a) ta' l-introduzzjoni ta' dan l-Anness:

Ċ.1.1. Frott, lewż u żerriegħa li jittieklu:

| | |
|---|---|
| Aċerola | *Malpighia punicifolia* |
| Ġandar | *Quercus spp.* |
| Il-ġews tal-anakardju | *Anacardium occidentale* |
| Il-ġews tal-kola | *Cola acuminata* |
| Fienu | *Trigonella foenum-graecum* |
| Rażberri | *Ribes uva-crispa* |
| *Maracujas* (Frott tal-fjura tal-passjoni) | *Passiflora edulis* |
| Il-pawpaw | *Carica papaya* |
| L-imżiewed tal-prinjoli | *Pinus pinea* |
| Lampun (niexef) | *Rubus idaeus* |
| Passolin aħmar (niexef) | *Ribes rubrum* |

Ċ.1.2. Ħwawar u ħxejjex li jagħtu t-togħma li jittieklu:

| | |
|---|---|
| Bżar tal-Ġamajka | *Pimenta dioica* |
| Kardamomu | *Fructus cardamomi (minoris) (malabariensis)* |
| | *Elettaria cardamomum* |
| Ċinnamonu | *Cinnamomum zeylanicum* |
| Musmar tal-Qronfol | *Syzygium aromaticum* |
| Ġinġer | *Zingiber officinale* |
| Noċemuskata | *Myristica fragrans,* until tal-31.12.2000 only |
| Bżar Aħdar | *Piper nigrum,* until tat-30.4.2001 only |
| Bżar (peruvjan) | *Schinus molle L.* |
| Iż-żerriegħa tal-għerq mustarda | *Armoracia rusticana* |
| Lesser galanga | *Alpinia officinarum* |
| Fjuri tal-għosfor | *Cartamus tinctorius* |
| Il-ħaxixa aromatika tas-sija | *Nasturtium officinale* |

Ċ.1.3. Affarijiet differenti:

Alka, li tinkludi ħaxix tal-baħar, mdaħħal fi thejjijiet ta' affarijiet ta' ikel konvenzjonali

Ċ.2. Prodotti tal-ħaxix, ipproċessat b'proċessi li għalihom hemm referenza taħt definizzjoni 2(b) ta' l-introduzzjoni ta' dan l-Anness:

Ċ.2.1. Xaħmijiet u żjut kemm jekk msaffija u kemm jekk le, iżda mhux kimikament mibdula, li ġejjin minn pjanti minbarra minn:

| | |
|---|---|
| Kawkaw | *Theobroma cacao* |
| Għajnbaqra ta-Kako | *Cocos nucifera* |
| Żebbuġ | *Olea europaea* |
| Girasol | *Helianthus annuus* |

Ċ.2.2. Is-segwenti zokkra, lamti u prodotti oħra minn ċerejali u basal:

Xitel taz-zokkor, sal-1.4.2003 biss

Fructose

Karti tar-ross

Karti tal-ħobż mhux bil-ħmira

Lamtu minn ross u qamħirrun bix-xama', mhux mibdul kimikament

Ċ.2.3. Affarijiet differenti:

| | |
|---|---|
| *Il-Kári huwa magħmul minn:* | |
| Kosbor Karwiżit | *Coriandrum sativum* |
| Mustarda | *Sinapis alba* |
| Bużbież | *Foeniculum vulgare* |
| Ġinġer | *Zingiber officinale* |
| Kosbor Karwiżit, affumikat | *Coriandrum sativum,* until tal-31.12.2000 only |
| Proteina tal-Pizelli | *Pisum spp.* |

Rum: miksub biss minn meraq ta' zokkor tal-kannamiela

Kirsch ippreparat fuq il-bażi ta' frott u ħlewwiet kif hemm referenza għalihom f'Taqsima A.2 ta' dan l-Anness

Taħlit ta' kultivazzjonijiet mdaħħal fi tħejjijiet ta' affarijiet ta' l-ikel konvenzjonali, u li jagħtu kwalitajiet ta' kulur u togħma lil affarijiet tal-ħelu, għat-thejjija biss ta' 'Gummi Bärchen', sat-30.9.2000 biss

Taħlitiet tal-bżar segwenti: Piper nigrum, Schinus molle u Schinus terebinthifolium, sal-31.12.2000 biss.

Ċ.3. Prodotti ta' l-annimali:

Organiżmi ta' l-ilma, li ma joriġinawx minn aquakultura, u mdaħħla fi tħejjijiet ta' affarijiet tal-ikel konvenzjonali

Trab tax-xorrox

Ġelatina

Għasel

Lactose

Trab tax-xorrox 'herasuola'."